MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
DIRECTORATE FOR DIGITAL LITERACY AND TRANSVERSAL SKILLS

# ITTRA ĊIRKULARI

**Date:** **30 t'April 2020** **Ref: DDLTS 16/2020**

**To:** **Il-Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji (Stat u Mhux Stat)**

**From:** **Is-Sur Grazio Grixti – Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali**

**Subject:** **It-Tagħlim fiż-Żmien Diġitali**

---

Il-Kapijiet tal-iskejjel u l-edukaturi huma mgħarrfa li l-*Commonwealth of Learning* nediet serje ta' 12-il vidjo minn Dr Tony Bates li huwa magħruf fil-qasam tal-edukazzjoni onlajn.

Il-vidjos huma bbażati fuq il-punti ewlenin diskussi fil-ktieb influenti ta' Dr Bates Teaching in a Digital Age: Guidelines for Designing Teaching and Learning. Is-suġġetti jvarjaw minn għażliet tal-metodi ta' tagħlim għal ideat ta' assessjar, kif timplimenta tagħlim onlajn sabiex tifhem il-bżonnijiet differenti tal-istudenti u kif tipprovdi sapport immirat għall-użu tat-teknoloġiji l-ġodda, u ħafna iktar.

Is-serje ta' vidjos għandha l-għan li tkun riżorsa utli ħafna għall-edukaturi li kellhom jaqilbu t-tagħlim tagħhom onlajn fi żmien qasir. Dan iż-żmien li qed ngħixu fih huwa importanti ħafna għax se jwassal għal era ġdida fejn l-użu tat-teknoloġija għall-aħjar tagħlim ma jibqax bħala għażla imma jsir bżonn essenzjali. L-edukaturi huma mħeġġa biex jużaw dan il-perjodu bl-aħjar mod possibli biex jitgħallmu u jsiru aktar kunfidenti fl-użu tal-għodod diġitali u biex b'hekk jibqgħu igawdu mill-benefiċċji li dawn l-għodod jipprovdu anke wara dan iż-żmien li għaddejin minnu flimkien.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom,

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għall-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali**